**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Shamus Woods)**

**-vs-**

**Anyi Marcela Gomez, imwielda l-Columbia nhar l-10 ta' Settembru 1989, residenti ġewwa 66, Flat 10, Triq Edgar Bernard, Gżira u detentriċi tal-passaport Kolombjan bin-numru AV787317**

Illum, 2 ta' Mejju 2023

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputata **Anyi Marcela Gomez** u ċioe talli:

F'dawn il-Gżejjer, fit-28 ta'Mejju, 2023 u fil-ġimgħat u xhur ta' qabel b'diversi atti magħmulin minnha ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Żammet jew eżerċitat jew kellha sehem ma' oħrajn fl-eżerċizzju ta' burdell jew ta' dar, ħanut jew lokal ieħor jew ta' xi parti minnhom li huma frekwentati jew magħduda bħala li huma ffrekwentati għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali; Artikolu 8(1) tal-Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta'Malta

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, kellha ħanut, alloġġ jew lukanda jew appartament privat u ħalliet jew ippermettiet li dak il-ħanut, alloġġ, lukanda jew appartament jew xi parti tagħhom jiġu wżati bħala post ta' laqgħa għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali; Artikolu 9 tal-Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta'Malta Nhar it-23 ta' Settembru 2022 għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' wara nofsinhar (13:30hrs) ġewwa t-Telgħa tal-Ġiżwiti, Marsa u f'dawn il-Gzejjer;

Rat li waqt l-udjenza miżmuma llum l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kodiċi, u cioe` wara li l-imputata wieġbet li hija ħatja għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhu, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u hi ngħatat żmien xieraq sabiex jekk xtaqet terga' lura minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tagħha, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha kif minnha ammessi.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata, tar-reati li dwarhom qed tinstab ħtija, tal-fedina penali netta tagħha w taċ-ċirkostanzi tal-każ.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31 tal-Kodiċi Kriminali w l-artikoli 8(1) u 9 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni, Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta, issibha ħatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tagħha u tikkundannaha għal tlettax (13) **il-xahar priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għal żmien tmintax (18) il-xahar millum u multa ta' mitejn ewro (€200).

Ai termini tal-artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti spjegat lill-imputata il-konsegwenzi jekk tikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Inoltre a tenur tal-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali tordna l-konfiska a favur tal-Gvern ta' Malta tal-*corpus delicti* u senjatament il-flejjes esebiti bħala **Dok.SW**.

Finalment, il-Qorti wara li rat l-artikolu 5(2)(a)(d) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, tirrakkomanda lill-Uffiċjal Prinċipali għall-Immigrazzjoni sabiex jikkunsidra jeżerċita l-poteri tiegħu taħt l-imsemmi Att fir-rigward tal-imputata kemm il-darba tkun skontat s-sentenza fuqha imposta w cioe il-ħlas tal-multa.

Ft. Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)
Maġistrat

Anthony P. Pace
Deputat Reġistratur

Kommunika: Uffiċjal Prinċipali għall-Immigrazzjoni